Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission

Engage
*Empower*
**Safeguard**

# Avviż dwar il-ġabra ta' informazzjoni

## X'inhuma l-funzjonijiet u l-attivitajiet tagħna?

Il-funzjonijiet u l-attivitajiet tagħna jinkludu, fost affarijiet oħra:

- nipproteġu u ntejbu is-sigurtà, is-saħħa, il-benesseri u l-kwalità tal-ħajja tal-konsumaturi tal-kura tal-anzjani
- nirregolaw is-servizzi tal-kura tal-anzjani u niżguraw li min jipprovdi s-servizz jikkonforma mar-responsabbiltajiet tal-kura tal-anzjani
- nippromwovu l-provista ta' servizzi ta' kwalità fil-kura tal-anzjani
- nirċievu u nivvalutaw rapporti ta' inċidenti li jridu jiġu rappurtati taħt l-Iskema ta' Rispons għal Inċidenti Serji (Serious Incident Response Scheme)
- nittrattaw ilmenti fuq min jipprovdi servizz għall-kura tal-anzjani u l-fornituri ta' xi servizz għall-kura tal-anzjani iffinanzjat mill-Commonwealth.

## Għalfejn qiegħed tirċievi dan l-avviż dwar il-ġabra ta' informazzjoni?

Matul il-ħidma tagħna aħna niġbru u nużaw informazzjoni personali, inkluż informazzjoni sensittiva li hija marbuta direttament jew hija raġonevolment meħtieġa għal waħda jew aktar mill-funzjonijiet jew attivitajiet tagħna taħt *l-Att dwar il-Kummissjoni għall-Kwalità u Sigurtà tas-Servizzi tal-Kura tal-Anzjani 2018 (Aged Care Quality and Safety Commission Act 2018* – the Quality and Safety Commission Act) *u l-Att dwar il-Kura tal-Anzjani 1997* (the Aged Care Act).

Aħna awtorizzati li niġbru, nużaw u niżvelaw ċerta informazzjoni personali skont l-Att dwar il-Kummissjoni għall-Kwalità u Sigurtà, l-Att dwar il-Kura tal-Anzjani, u l-Att dwar il-Privatezza 1988 (*Privacy Act 1988*). Inti rċevejt dan l-avviż għax qegħdin niġbru, jew ġbarna informazzjoni personali tiegħek għal wieħed jew aktar minn dawn l-għanijiet.

## Kif niġbru informazzjoni personali?

Aħna niġbru informazzjoni personali minn firxa ta' diversi sorsi inkluż meta nikkomunikaw miegħek jew mar-rappreżentant tiegħek permezz ta' ittra, email u mill-websajt tagħna. Niġbru informazzjoni personali wkoll meta inti jew ir-rappreżentant tiegħek tiltaqa'/jiltaqa' magħna wiċċ imb'wiċċ jew meta tikkuntattjana/jikkuntattjana bit-telefon. Nistgħu niġbru informazzjoni personali tiegħek ukoll minn terzi persuni bħal aġenziji tal-gvern jew minn fornitur ta' servizz għall-kura tal-anzjani rilevanti u l-impjegati tiegħu.

## Meta tkun tista' tiġi żvelata l-informazzjoni personali tiegħek?

Nistgħu niżvelaw l-informazzjoni personali tiegħek lil terzi persuni biex naqdu wieħed jew aktar mill-funzjonijiet u l-attivitajiet statutorji tagħna. Per eżempju, l-informazzjoni personali tiegħek tista' tkun inkluża f'riferiment għal organizzazzjoni oħra li tissorvelja l-istandards ta' kwalità u professjonali tas-saħħa u l-kura tal-anzjani, bħall-Australian Health Practitioner Regulation Agency, id-Dipartiment tas-Saħħa (Department of Health) u l-investigatur (coroner) tal-istat, jew lill-pulizija jekk għandu x'jaqsam ma' xi inċident.

Aħna ser nużaw jew niżvelaw l-informazzjoni personali tiegħek għal għanijiet oħra biss skont Parti numru 7 tal-Att dwar il-Kummissjoni għall-Kwalità u Sigurtà, Parti numru 6.2 tal-Att dwar il-Kura tal-Anzjani, jew inkella fejn meħtieġa jew awtorizzati bil-liġi.

Aħna niżguraw li kull talba li inti tagħmel għal kunfidenzjalità tiġi osservata sakemm dan mhux ser ipoġġi, jew jista' jwassal biex is-sigurtà, is-saħħa jew benesseri ta' xi persuna tkun f'riskju.

Ser jittieħed kull pass raġonevoli biex jiġu notifikati l-individwi relevanti qabel ma niddeċiedu li mhux ser nikkonformaw ma' talba għal kunfidenzjalità.

Ġeneralment ma niżvelawx informazzjoni personali lil riċevituri minn barra l-pajjiż, iżda nieħdu passi raġonevoli biex ninfurmawk jekk għandna intenzjoni li nagħmlu dan.

## Aktar informazzjoni

Għal aktar informazzjoni dwar il-prattiċi tagħna ta' privatezza, inkluż kif ikollok aċċess jew biex tikkoreġi l-informazzjoni personali tiegħek jew biex tilmenta dwar il-privatezza, ara l-istrateġija ta' privatezza tagħna li qegħda fuq il-websajt tagħna jew ikkuntattjana bit-telefon.

L-informazzjoni f'din il-pubblikazzjoni hija korretta sa April 2021.

**Telefon**
1800 951 822

**Websajt**
agedcarequality.gov.au

**Ikteb**
Aged Care Quality and Safety Commission
GPO Box 9819, Fil-Belt Kapitali Tiegħek